**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru: 711/21 GG**

**Kenneth Mamo (I.D 583381M)**

**vs.**

**L-Awtorita' għat-transport f'Malta**

Illum 11 ta' Mejju, 2023

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Kenneth Mamo (ID 583381M) ippreżentat quddiem din il-Qorti fil-21 ta' Lulju, 2021 li jghid hekk:

*1. Illi r-rikorrent kien jaħdem bħala xufier ma' kumpannija tal-produzzjoni tal-films.*

*2. Illi r-rikorrent kien applika ma l-Awtoritá intimata sabiex din tkun tista toħroġlu t-tag relattiva.*

*3. Illi fis-sena 2018, l-Awtoritá intimata rrifjutat l-applikazzjoni tar-rikorrent u dan għaliex skond hi huwa ma kienx jissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba ai termini tar-Regolament 62D(1)(a)(iii) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11.*

*4. Illi r-rikorrent ippreżenta appell dwar dan, liema proċeduri ġew deċiżi b'mod finali mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), App Inferjuri Nru: 110/2018/1 nhar it-23 ta' April 2021, fejn ġie deċiż b'mod ċar li d-deċiżjoni inizjali kienet waħda ħażina. Fil-fatt dik il-Qorti kkonfermat dak li kien ġie deċiż mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.*

*5. Illi r-rikorrent iqis għalhekk li b'dik id-deċiżjoni l-Qorti rrevokat dik d-deċiżjoni żbaljat inizjali, u għalhekk ikkonkludiet li l-Awtoritá qatt ma setgħet taġixxi b'dak il-mod. B'hekk l-effetti ta' dik id-deċiżjoni għandha huma ex tunc bejn il-partijiet.*

*6. Illi bil-fatt li l-Awtoritá intimata żbaljat fid-deċiżjoni tagħha tat-23 ta' Ottubru 2018, r-rikorrenti sofra danni u telf kif sejjer jiġi amplifikat u trattat fis-smiegħ ta' dawn il-proċeduri.*

*7. Illi għalkemm interpellati b'ittra uffiċjali sabiex iħallsu l-ammont indikat bħala telf, l-Awtoritá intimata baqgħet inadempjenti.*

*8. Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*9. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1) Tiddikjara li bid-deċiżjoni inizjali magħmula mill-Awtoritá intimata fis-sena 2018, fejn din irrifjutat l-applikazzjoni tar-rikorrenti, l-istess r-rikorrenti sofra d-danni konsistenti f'telf ta' xogħol.*

*2) Tillikwida d-danni hekk sofferti.*

*3) Tordna li l-Awtoritá intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali nru: 1945/2021 kif ukoll l-imgħax skond il-liġi u l-Awtoritá intimata in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuta Awtorita' Għat-Transport f'Malta ippreżentata quddiem din il-Qorti fit-12 ta' Awwissu, 2021 li biha eccepiet hekk:

*1. Illi, preliminarjament, l-attur għandu jiddikjara abbażi ta' liema artikolu tal-liġi huwa qiegħed isejjes it-talba tiegħu, u żżomm id-dritt illi tippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri in segwitu għal tali dikjarazzjoni.*

*2. Illi, sussidjarjament u mingħajr ebda pregudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi d-deċizjoni meħuda mill-Awtorita' eċċipjenti u li l-attur qed jilmenta illi kkawżatlu danni kienet waħda ragjonevoli u meħuda entro l-parametri ta' dak illi l-liġi stess timponilha li*

*tagħmel bħala regolatur tas-settur, u l-fatt illi l-appell li l-attur kien interpona minn tali deċizjoni ġie akkolt ma jirrendix lill-Awtorita' passibbli għad-danni illi qed jippretendi l-attur u dan anke fid-dawl tal-fatt illi l-Awtorita' eċċipjenti ħadet id-deċizjoni lamentata in buona fede, b'eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħha bħala regolatur u ċertament mhux bil-ħsieb li tikkawża danni lill-attur iżda unikament bil-ħsieb illi taqdi l-funzjonijiet regolatorji tagħha kif inhi obbligata tagħmel skond il-liġi.*

*3. Illi, oltre dan, l-Awtorita' teċċepixxi illi d-deċiżjoni minnha meħuda fil-konfront tal-attur hija konformi ma' deċiżjonijiet oħra minnha meħuda fil-konfront ta' applikanti oħra li, fl-ipproċessar tal-applikazzjoni tagħhom, kien ukoll meħtieġ illi jiġu applikati l-istess provvedimenti tal-liġi, u għalhekk l-Awtorita' eċċipjenti ma tistax titqies passibbli għal danni kif altrimenti setgħet talvolta tinżamm passibbli kieku fil-konfront tal-attur hija aġixxiet b'mod diskriminatorju.*

*4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jkunu permissibbli skond il-liġi.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha;

Rat n-nota ta' sottomissjonijiet ta' partijiet;

Ikkunsidrat:

Rat il-verbal a fol 37 li fih ir-rikorrent indika l-artikoli 1031 u 1033 tal-Kap 16 bħala l-bażi tal-kawża odjerna.

**Fatti**:

1. Il-fatti ta' dan il-kaz, brevement rakkontati huma dwar rifjut tal-Awtorita' Ghat-Trasport f'Malta li tohrog il-permess relattiv lill-attur sabiex ikun awtorizzat isuq vettura b'passiggieri liema rifjut wassal ghat-telf ta' impjieg tieghu u ghalhekk ghazel li jfittex lill-Awtorita' ghad-danni;

**Provi mressqa mill-attur:**

**Affidavit u Xhieda tar-rikorrent**

2. Kenneth Mamo xehed illi waqt li kien f'impjieg fiss bhala *transport co-ordinator* ma' lukanda kien ltaqa' ma' Romain Cutajar li kien jahdem bhala xufier ma' kumpanija tal-films f'Malta u hemm tħajjar li jkollu mpjieg simili. Ftit granet wara, Cutajar pprezentah b'opportunita' li jahdem bhala xufier mal-crew ta' film li kien qed jingibed dak iz-zmien. Spjega kif "*Fil-frattemp, xi zmien qabel jien kont irrizenjajt mill-impjieg li kelli…*" u wara li kellem lir-rapprezentant tal-Latina Pictures Ltd kien accettat u inghata kuntratt t'impjieg bhala xufier ma dik is-socjeta' u inghata vettura zgħira u kien isuq lill-*entourage* tal-film li kien qed jingibed;

3. Ir-rikorrent jgħid li kien jieħu lill-atturi prinċipali tal-film mill-lukanda għall-Mediterranean Film Studios u lura. Matul il-jum kien jibqa' fuq is-sett u jekk ikun hemm bżonn qadja jagħmilha ukoll. Romain Cutajar kien lahaq kordinatur u bhala tali kien hu li jqassam ix-xoghol izda kien informa lill-attur li biex jibqa' fl-impjieg tieghu kien jehtieglu jibda jsuq vettura akbar li tiehu disa' persuni. Ghal dan il-ghan kellu bzonn ta' awtorizazzjoni mill-Awtorita' konvenuta

li tinhareg fil-forma legalment msejjha *Tag* li ghaliha sottometta applikazzjoni immedjatament fl-Lulju tas-sena 2018. Peress li l-Awtorita' damet biex taghti r-risposta taghha, l-attur kien ilmenta mal-Ministru responsabbli u fit-28 ta' Dicembru, 2018 kien inghata twegiba ta' rifjut mill-Awtorita' konvenuta ghar-raguni li ma kienx jissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba;

4. Huwa appella quddiem it-Tribunal Amminstrattiv u inghata ragun, liema decizzjoni kienet kkonfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza fit-23 t'April, 2021. Matul dak iz-zmien kollu, izda, l-attur kien minghajr impjieg ghaliex "*bqajt nittama illi ser tinharigli t-tag u li allura kont inkun nista' inkompli fl-impjieg tieghu ma' l-indusrija tal-films*". Kwantu d-dannu li jallega li sofra kawza ta' dan ir-rifjut u dewmien, l-attur jghid hekk: "*Fil-kuntratt li kelli mal-film "Bharat" kelli paga ta' €100 kuljum ghal sitt ijiem fil-gimgha. Pero' imbaghad bejn film u iehor jista' ikollok perjodu fejn ma tithallasx ghax xoghol ma jkunx hemm. Ghalhekk qed nikkalkula illi jien tlift madwar €30,000 fuq il-medda ta' tlitt snin li ghamilt nistenna t-tag*";

5. In sostenn tat-talba tieghu, l-ippreżenta VAT returns immarkati bħala KM1 għas-snin 2018, 2019 u 2020 u spjega x'kien l-introjtu tieghu f'dak il-perjodu kif ukoll dwar is-sitwazzjoni tat-turizmu fiz-zmien il-pandemija Covid. Spjega ukoll kif kien gia ħalla l-impjieg tieghu meta applika għat-tag u sa dak iż-żmien huwa qatt ma kien ħadem bħala driver mal-film productions. Żied jgħid li għal four seater car mhix mehtiega *tag* imma għal nine seater għandek bżonn it-tag. In kontro-ezami, izda, xehed illi bhala transport coordinator mal-lukanda li maghha kien impjegat ma kellux bzonn *tag* u li qabel

rrizenja minn dak ix-xoghol kien jaf li bhala xufier mal-film productions kellu bzonnha.

6. Ghal dak li jirrigwarda d-danni allegatament minnu sofferti, l-attur spjega dak li jidher fuq id-denunzji tal-VAT li juru d-dhul tieghu fil-perjodu in kwisjtoni fejn kien jikri akkomodazzjoni fis-sistema AirB&B. Spjega kif wara xi ftit zmien kien rega dahal jahdem fl-industrija tal-films "*probabli [bhala] coordinator jew locations assistant manager ma jkollokx bzonn it-tag fuq locations…*" Jghid ukoll li dik il-kariga, u l-Qorti hawn tifhem li hija l-kariga ta' locations assistant manager, ma kienitx miftuha ghalih qabel: "*Le, din il-kariga its only available to me when meta jkun film kbir, meta jkun film zghir ma jkollhomx bzonn manager, cooprdinator, captain they will be needing a manager u l-bqija kkollha drivers, igifieri when it's a big movie nahdem coordinator*" (fol 42/43);

7. L-attur ressaq bhala xhud lil persuna li hajritu jibda x-xoghol mal-industrija tal-films, **Romaine Cutajar** li kkonferma li kien hu li daħħal lir-rikorrent jaħdem bhala xufier fejn kien isuq vettura żgħira, Suzuki Baleno li hija 4-*seater*. Ghad li ma kienx cert kemm dam jahdem hekk, ix-xhud qal li l-attur ghamel bejn xahar u xahrejn. Jghid li l-attur ried jottjeni *tag* biex isuq vettura akbar u ried li jaħdem bil-vann għax taqla' aktar flus. "*Kien jahdem aktar, aktar twil, u kien aktar passengers fil-vann, iddum tahdem aktar, ikollok van aktar fit-tul il-film fl-karozza*" (fol 123), izda imbaghad kellu jwaqqfu. Huwa spjega kif, kemm il-darba jkun hemm films qed jinhadmu tista' ddahhal madwar ghaxart elef euro fis-sena jew f'disa xhur. Aktar tard kien dahhal lill-attur bhala kordinatur mieghu minghajr l-htiega li jsuq;

8. In kontro-ezami, x-xhud spjega kif meta l-attur kien isuq vettura zghira ma kellux htiega li jsuq bil-Y-Plates [li ghaliha trid tkun awtorizzat bil-permess li ghalih kien applika l-attur, ossia t-*Tag*] ghaliex kien igorr passiggier wiehed biss, minkejja li kien b'hekk jaghmilha ta' xufier u kien jithallas mill-kumpanija li tkun qed tigbed il-film, izda ma jafx jekk kienx impjegat mal-kumpanija jew impjegat ghal-rasu ghaliex dik ma jindahalx fiha. Wisq anqas ma kien jaf kemm jircievi hlas tax-xoghol tieghu u x-xoghol huwa wiehed sporadiku tant li hu stess jahdem madwar disa xhur fis-sena bejn wiehed u iehor izda aktar minn sitt xhur fis-sena;

**Provi tal-Awtorita' konvenuta:**

**Affidavit tar-rapprezentant tal-Awtorita' Ghat-Trasport:**

9. **Brian Miguel Farrugia**, direttur fi hdan il-Land Transport Directorate tal-Awtorita' spjega kif l-attur kien applika biex jottjeni *tag* ta' xufier that il-Liġi Sussidjarja 65.11 (llum 499.68) izda permezz ta' ittra datata 25 ta' Settembru, 2018 kien infurmat li ma kienx issodisfa l-kundizzjoni ta' kondotta u reputazzjoni u li seta' jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub. Ir-rikorrent għamel ir-rappreżentazzjonijiet izda l-Awtorita' zammet mad-decizzjoni taghha u b'ittra datata 20 t'Ottubru 2018 għarrfitu li seta' jappella. Mill-fedina penali tieghu rriżulta li l-attur kien instab ħati ta' pussess tad-droga Kannabis u pussess agravat ta' pilloli ecstasy f'ammont li juri li tali droga ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu. Kien ikkundannat 30 jum priġunerija u multa ta' mitejn lira Maltija. Skond l-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 'Persuna ma tkunx meqjusa li tissodisfa l-kondizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba ***<u>jekk hija</u>***

***tkun istabet ħatja ta' reat kif jidher fl-artikoli 4, 5 6(a), 7, 8(b)(c), 15, 15A, 16, 18 u 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.'***

10. L-istess xhud spjega kif l-Awtorita' kienet ippilotat l-emendi għal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 li biha kien mfisser aħjar dan ir-rekwiżit "*u allura taf biċ-ċert li l-iskop tal-legislatur kien illi filwaqt li l-pussess ta' droga semplici ghall-uzu personali ma jeskludix persuna milli jottjeni tag ta' xufier, meta l-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tieghu, huwa jkun eskluz*". Huwa fisser l-ghan wara dawn l-emendi hu li jipprotegu lic-cittadini li jghamlu uzu minn dawn is-servizzi ta' trasport;

11. Huwa fisser kif It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva laqa' l-argument tal-attur '*wara li ħaseb fit-tul.*' Il-Qorti tal-Appell imbagħad tat is-sentenza tagħha fit-23 t'April 2021 u kkonfermat id-decizzjoni tat-Tribunal u kien hemm li l-Awtorita' tat id-Driver's Tag lir-rikorrent. Fil-fehma tieghu, l-Awtorita' mxiet korrettement u in *buona fede* u tapplika l-liġi l-istess ma' kulħadd. L-appell fit-Tribunal Amministrattiv kien appuntat għas-smigħ fis-17 ta' Diċembru 2018, saru l-provi tar-rikorrent fil-21 ta' Jannar 2019 u l-Awtorita' kkonkludiet il-provi tagħha f'seduta waħda fit-18 ta' Frar 2019 u ngħatat is-sentenza fit-30 ta' Mejju, 2019.[1] L-Appell imbagħad instema' fis-16 ta' Diċembru 2020 u s-sentenza ngħatat fit-23 t'April 2021. [2]

12. Ghal dak li jirrigwarda iz-zmien li ddekorra mid-decizjoni tal-Awtorita' sa meta l-proceduri ntemmu bid-decizzjoni tal-Qorti

[1] Fol 90-95
[2] Fol.99 et seq

tal-Appell, l-Awtorita' konvenuta ppreżentat il-verbali kollha tas-seduti li kien hemm fil-kawża *'Kenneth Mamo vs Awtorita' tat-Trasport'* sabiex turi li ma kien hemm ebda dewmien fil-proċeduri min-naħa tal-Awtorita' kif ukoll is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell;[3]

**Ikkunsidrat :**

13. Illi kwantu l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-Awtorita' konvenuta, l-attur wiegeb li huwa qieghed isejjes il-kawza tieghu fuq l-artikolu 1031 u 1033 tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta. Dawn l-artikoli jipprovdu hekk:

> **1031. Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu.**
>
> **1033 (1) Jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.**
>
> **(2) Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressas tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar.**

14. Illi apparti l-fatt illi l-Awtorita' konvenuta donnu abbandunat ossia ma baqghetx issostni l-eccezzjoni taghha, l-attur wera bic-car taht liema disposizzjoni tal-ligi qieghed iressaq il-kawza tieghu u ghalhekk mhux mehtieg li jsiru konsiderazzjonijiet ulterjuri in rigward ghajr li l-attur issodisfa l-kwezit maghmul mill-istess Awtorita';

[3] Fol.83-111

15. Fil-mertu, jibda biex jinghad illi din is-sentenza mhix u ma ghandiex titqies bhala xi forma ta' appell ulterjuri ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tat-23 t'April, 2021 fl-ismijiet Kenneth Mamo vs Awtorita' ghat-Trasport f'Malta App Inf Numru 110/2018/1 LM. B'dik is-sentenza ghaddiet in gudikat l-ordni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tat-30 ta' Mejju, 2019 li biha rrevokat id-decizzjoni tal-Awtorita' meta cahdet it-talba tal-attur ghasll-otteniment ta' licenzja ta' xufier. Dawk il-proceduri kienu dwar l-interpretazzjoni tal-ligi filwaqt illi din odjerna tirrigwarda r-responsabilita' or meno tal-Awtorita' konvenuta fit-tifsira zbaljata taghha dwar min ma jissodisfax ir-rekwiziti ghal-otteniment ta' licenzja ta' xufier u d-danni emergenti minn dak l-allegat nuqqas;

**Konsiderazzjonijiet ta' dritt:**

16. F'dan l-istadju tajjeb li jkunu rikapitoli l-fatti saljenti tal-kwistjoni odjerna fejn l-attur qieghed jitlob ghad-danni li ssubixxa kawza tal-interpretazzjoni hazina da parti tal-Awtorita' tal-ligi applikabbli li ssarfet fic-cahda tieghu li jottjeni licenzja ta' xufier marbuta mad-dewmien sabiex ittih risposta f'liema zmien u kawza tal-istess interpretazzjoni safa jitlef ix-xoghol tieghu;

17. Kwantu l-artikolu tal-ligi fil-Kodici Civili li fuqhom l-attur qed isejjes il-prezenti kawza, tajjeb li ssir referenza ghal dak ritenut mill-Professur Caruana Galizia 'Notes on Civil Law' (Laws III rd Year) (pagna 310 *et seq*):

The system of present codes is that of Pothier, who distinguished between direct responsibility, that is responsibility for one's own acts, which include both torts and quasti-torts according to whether the person causing the injury is in "dolus" or in "culpa", and indirect responsibility, that is responsibility for acts done by others or for damage caused by animals or by any other object for which one is responsible.

Direct Responsibility.

The elements of tort and quasi-tort are:-

1. An act which is imputable to a person;
2. Which is unjust;
3. Which causes damage;
4. Through "dolus" or "culpa".

18. Il-Qorti hi tal-fehma li l-insenjament emergenti mix-xoghol tal-Prof. Caruana Galizia ma jkunx tassew mwassal b'mod shih jekk ma tkunx citata l-esposizzjoni legali biex fisser dawn l-elementi. Itenni jispjega l-awtur fir-rigward tat-tieni, t-tielet u r-raba' element:

2. An act is unjust or unlawful when it is contrary to law, i.e. when a person is guilty of an act or omission constituting a breach of duty imposed by law (Section 1076). If an act, although it causes damage, is not unlawful, there is no tort or quasi -tort, because "nemo videtur injuram facere qui suo jure utitur (Section 1073).

3. The act must cause damage, because it is for this reason that I becomes a source of obligations. Damage may refer either to the person or to the property, and accordingly to the prevailing doctrine, which is based on the juridical traditions of Roman Law which included defamation among private delicts, the damage may also be moral. This principle has been implicitly

recognized by the judgement delivered by the Court of Appeal in re "Cini versus Townsley", on the 10th November 1909.

4.The person causing the damage must be either in "dolus" or in "culpa".

"Dolus" consists in the knowledge that one's act is contrary to a provision of the law, or that one's omission constitutes the breach of a duty imposed by law, and that such an act or omission will cause damage to others.

"Culpa" consists in the omission of due diligence, on account of which one is not aware that one's act is contrary to a provision of the law or that one's omission constitutes the breach of a duty imposed by law.

From this want of diligence responsibility arises, because every person is bound to be diligent when others may have an interest. Whether the intent of injuring is present or not, is indifferent (Section 1076). The "culpa" which we are talking about is usually know, in doctrine, as "culpa aquiliana" in order to distinguish it form "culpa" in the performance of contracts which is known as "culpa contractualis"……"

19. Dak li issa jehtieg ikun konsiderat hu kemm l-azzjoni tal-Awtorita' tikwalifikax bhala "dolus" jew "culpa" fit-termini tal-artikoli 1031 u 1033 tal-Kodici Civili. Din l-azzjoni kienet tikkonsisti fic-cahda ta' licenzja bazata fuq l-interpretazzjoni tal-ligi applikabbli. Aktar minn interpretazzjoni irid jinghad li l-Awtorita' kienet konvinta li ma kien hemm l-ebda lok ta' interpretazzjoni ghaliex il-ligi kienet cara u ghalhekk kienet qed tapplika l-ligi, skond hi, kif dejjem applikata f'kull cirkostanza simili. Il-konvinciment tal-Awtorita' fit-thaddim tal-ligi in kwistjoni kien radikat mill-fatt li kienet hi stess li ppilotat il-ligi;

20. Ir-Regolament 62D (1) (iii) tal-Ligi Sussidjarja 65.11 kien jipprovdi hekk: *"Persuna ma tkunx meqjusa li tissodisfa l-kondizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba: jekk hija tkun instabet hatja ta' xi reat kif jidher: fl-artikoli 4, 5, 6(a), 7,8(b)(c), 15, 15A, 16, 18 u 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikluzi"*. Issa huwa palezi illi xi snin qabel ma applika ghat-*tag*, l-attur kien instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' pussess aggravat ta' ecstasy ossia ta' pussess f'cirkostanzi li kienu juru li din ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu kif ukoll ta' pussess semplici ta' raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis. Tajjeb li jkun osservat illi filwaqt illi r-regolamenti fil-L.S. jelenkaw dawk il-provvedimenti tal-Ordinanza Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta li minhabba fihom ma tistax tinhareg licenzja, il-pussess tad-droga *ecstasy* f'cirkostanzi aggravanti taqa' 'l hinn minn din l-Ordinanza stante li dak huwa reat ipotizzat fil-Kaptiolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Jigifieri zball jew le tal-legislatur, dik il-kundanna qatt ma setght tkun konsiderata mill-Awtorita'. U min hawn huwa evideni x'gara, jigifieri li l-hsieb tal-Awtorita' meta ppilotat il-ligi ma kienx rifless fl-istess provvediment la darba dan il-provvediment ma jindikax il-Kapitolu 31 tal-ligijiet ta' Malta filwaqt illi l-Awtorita' kienet konvinta li d-droga ecstasy hija regolata bl-Ordinanza Kap 101;

21. Maghmulha din l-osservazzjoni, jokkorri xorta wahda ghalhekk ikun meqjus jekk l-Awtorita' tistax titqies in "dolo" meta ddecidiet li l-attur jissodisfax ir-rekwizit ta' kondotta tajba bil-kundanna li kellu ghall-pussess semplici tar-raza mehuda mill-Cannabis. Fid-decizjoni tieghu, it-Tribunal ta' Revizzjoni Amministrattiva ghamel analizi pertinenti tal-kwistjoni u din qed tkun riprodotta ghaliex tigbor fiha l-qofol tal-kwistjoni:

*"Illi minn ezami tal-artikoli citati tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe artikoli 4, 5, 6(a), 7, 8(b)(c), 15, 15A, 16, 18 jirrizulta illi dawn jitrattaw reati li jeskludu l-pussess semplici. Hekk per ezempju artikolu 4 jitratta dwar ir-reat ta' koltivazzjoni tal-pepprin tal-oppju jew il-pjanta tal-koka. Artikolu 5 jitratta r-reat ta; importazzjoni jew esportazzjoni tal-oppju ppreparat. Artikolu 6(a) jitratta r-reat ta' min jimmanifattura, ibigh jew jitraffika l-oppju ppreparat. Artikolu 8 (b) jitratta r-reat ta' manifattura, bejgh jew traffikar tar-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, filwaqt li artikolu 8(c) jitratta dwar ir-reat ta' koltivazzjoni tal-pjanta cannabis. Artikolu 15 jitratta dwar ir-reat ta' meta persuna ggib Malta medicina perikoluza li tkun fil-kors ta' vjagg filwaqt li artikolu 15A jitratta r-reat ta' importazzjoni jew esportazzjoni ta' medicina perikoluza. Artikolu 16 jitratta r-reat dwar min igorr medicina perikoluza minghajr licenzja filwaqt li artikolu 18 jitratta r-reat ta' persuna li ggieghel li medicina perikoluza migjuba f'Malta fil-kors tal-vjagg tigi diretta ghal destinazzjoni ohra minn dik li ghaliha kienet originarjament mibghuta."*;

22. Fid-decide tieghu t-Tribunal irritjena *"Illi t-Tribunal haseb fit-tul kif ghandu jigi interpretat is-subinciz (iii) tar-Regolament 62D(1)(a). Illi jidher car illi l-ispirtu tal-legislatur kien illi **jeskludi mill-applikazzjoni tar-Regolament citat ir-reat ta' pussess ta' kannabis u medicini ohra perikoluzi.** Dan huwa evidenti fil-fatt li kien selettiv meta nizzel l-artikoli li abbazi taghhom seta' jinhareg ir-rifjut. Kieku ma kinitx din l-intenzjoni tal-Legislatur ma kienx ikun hemm ghalfejn jiccita l-artikoli individwali tal-Kapitolu 101 u kien jiccita biss l-artikolu 22 ghaliex dan prattikament jaghmel reat kull ksur jew nuqqas tya' tharis id-disposizzzjoni tal-istess Ordinanza..* Jekk din il-Qorti kellha tazzarda tfisser id-decizzjoni tat-Tribunal, komfermata mill-Qorti tal-Appell, fi ftit

kliem ikollha tghid li l-Awtorita' kellha tinterpreta l-ligi b'mod aktar wiesgha u mhux b'mod daqstant *ad litteram*. Ghalhekk dak li ghandu jsegwi issa hija konsiderazzjoni dwar jekk l-Awtorita' ghandiex twiegeb ghall-agir taghha fl-interpretazzjoni hazina tal-ligi;

23. L-Awtorita' qieset li l-attur kien falla r-rekwizit ta' kondotta tajba ghaliex ir-Regolament citat apparti li jsemmi reati specifici jakkludi kull reat bi ksur tal-artikolu 22 tal-Ordinanza li allura jirreferi ghall-kull offiza inkluza dik ta' pussess semplici. Tghid l-Awtorita' ma ghamlitx dan b'kapricc tant illi anke it-Tribunal stess stqarr li haseb fit-tul dwar din l-interpretazzjoni;]

24. B'rabta ma dak citat *supra* min noti tal-Professur Mamo, u issa li huma esposti l-fatti li dwarhom trid tiddeciedi l-Qorti, tajjeb li ssir referenza ghal gurisprudenza tal-Qrati taghna in rigward. Fis-sentenza **Elia Vella vs Guzeppi Dimech** Prim'Awla Qorti Civili 17 t'April 1989, ( Kollezz Vol LXXIII- 1989 Pt. III-V pg788) kien ritenut illi "*Dwar it-tieni rekwizit [responsabilita' ghad-danni], ir-responsabilita' tista' tkun dovuta ghall-att doluz jekk min jaghmel id-danni jkun qed jaghmilhom volontarjament, jew ghall-att kolpuz ta' culpa jekk min jaghmilhom ikun ghamilhom involontarjament, pero' ma jkunx uza d-diligenza necessarja meta wiehed jagixxi bhala bonus paterfamilias (art 1032, para. 12)*. F'dan ir-rigward, l-Awtorita' konvenuta ssostni li d-decizzjoni taghha kienet wahda in *buona fede* u li ma ghamlet l-ebda distinzzjoni fl-applikazzjoni tal-ligi b'mod li jista' jitqies li ddikiskriminat kontra l-attur;

25. Illi dak li dwaru instab hati l-attur relevanti ghall-applikazzjoni tieghu, jigifieri l-pussess semplici tar-raza mehuda mill-pjanta Cannabis huwa r-reat ravvizat fl-artikolu 8(a) tal-Kapitolu

101. Dan l-artikolu muhiex wiehed minn dawk elenkati fir-Regolamenti tal-L.S. in kwistjoni. Il-konsiderazzjoni, izda, ma tieqafx hemm, ghaliex minkejja dan, l-istess LS, kif gia spjegat, ssemmi ukoll l-artikolu 22 tal-Ordinanza li b'mod generali jipprovdi *inter alia* ghal "*kull min jikser jew jonqos li jhares id-dispozizzjonijiet ta' din l-Ordinanza…ikun hati ta' reat kontra din l-Ordinanza*". Ifisser dan allura illi meta l-Awtorita' qieset lill-attur bhala mhux ta' karattru tajjeb ghamlet hekk mhux b'mod kapriccuz jew kawza ta' interpretazzjoni minghajr qies. Il-fatt li t-Tribunal gustament strada l-interpretazzjoni tal-LS minn hemm 'l quddiem ma ghandux awtomatikament ifisser illi l-Awtorita' ghadha titqies in dolo fl-agir taghha. Kienet taghti lok ghall-kunsiderazzjonijiet diversi li kieku r-Regolament ma kienx jakkludi l-provvediment generali fl-artikolu 22 tal-Kap 101. B'hekk tqis li d-decizzjoni kienet wahda *arbitrio boni viri*;

26. Ghal dawn ir-ragunijiet, tqis li l-Awtorita' ma ghandhiex tkun tenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur u konsegwentement filwaqt illi tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita' konvenuta, tichad it-talbiet tal-attur;

27. Bl-ispejjes kontra l-attur.

---

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**

**Imħallef**

**Nicole Cini**

**Għad-Deputat Reġistratur**